

Brussell, 27 ta' Frar 2026
(OR. en)

6171/26

SOC 66
EMPL 25
ECOFIN 172
EDUC 39
COMPET 255
DATAPROTECT 65
DIGIT 54

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Semestru Ewropew 2026

Mill-innovazzjoni għall-Impjiegi ta' Kwalità: l-użu tal-IA biex jissaħħu l-impjiegi ta' kwalità u d-drittijiet tal-ħaddiema
- *Skambju ta' fehmiet*

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-nota ta' gwida tal-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet tal-Kunsill (EPSCO) tad-9 ta' Marzu 2026.

Nota ta' gwida għal skambju ta' fehmiet dwar is-

Semestru Ewropew 2026: Mill-innovazzjoni għall-Impjiegi ta' Kwalità: L-Użu tal-IA biex jissaħħu l-Impjiegi ta' Kwalità u d-Drittijiet tal-Ħaddiema.

Kuntest: Is-suq tax-xogħol futur u s-Semestru Ewropew

Kif intwera f'rapporti reċenti, għal bosta snin, it-tkabbir tal-produttività madwar l-Ewropa kien għadu lura meta mqabbel ma' dak ta' reġjuni oħra. Filwaqt li fatturi strutturali u storiċi kellhom rwol f'dan ir-rigward, f'dawn l-aħħar snin raġuni importanti għad-distakk dejjem jikber hija li l-Ewropa ma sfruttatx bis-sħiħ iż-żieda qawwija fit-trasformazzjoni diġitali. Barra minn hekk, sakemm ma jsirux riformi importanti biex aktar kumpaniji ġodda jkunu jistgħu jespandu u aktar talent zaġġżuġh jibqa' fl-Ewropa, l-Ewropa ser taqa' aktar lura.

Sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn ir-riformi importanti, hemm bżonn suq tax-xogħol aktar reżiljenti u ambjent ta' investiment aktar dinamiku. Ir-riċerka ekonomika, inkluż il-ħidma ta' Sir Christopher Pissarides dwar it-tqabbil tal-impjiegi u l-bidla strutturali, tenfasizza li l-eżiti tal-impjiegi mhumiex determinati mit-teknoloġija biss, iżda jiddependu wkoll minn fatturi bħall-istruttura istituzzjonali tal-ekonomija, il-kapital uman tagħha, u l-kapaċitajiet li toffri għal kollaborazzjoni kostruttiva bejn is-settur pubbliku u dak privat. Meta wieħed minn dawn il-fatturi ma jkunx jeżisti, dan jgħodq ostakli għar-rabta bejn it-teknoloġija u l-produttività – ostakli li huma kollettivament magħrufa bħala frizzjonijiet fil-funzjonament tas-swieq tax-xogħol. Jeħtieġ li l-Ewropa taġixxi malajr biex tnaqqas dawn il-frizzjonijiet. L-Intelliġenza Artifiċjali, bil-kapaċitajiet dejjem jidiedu tagħha, tiftaħ opportunitajiet ġodda għal investimenti produttivi u użu aħjar tal-kapital uman. Jekk dan il-proċess jirriżultax fil-ħolqien dinamiku tal-impjiegi bi produttività oġġla jew f'telf ta' impjiegi u staġnar ulterjuri wara l-kompetituri tagħna jiddependi fuq kemm nimmaniġġjaw tajjeb l-ekosistema diġitali tagħna, ir-riformi istituzzjonali meħtieġa, l-aġġornament tas-sistemi tal-ħiliet tagħna u l-ħeffa li biha l-ħaddiema jistgħu jagħmlu tranżizzjoni għal rwoli ġodda.

L-effettività tal-investimenti fl-IA tiddependi fuq l-iżvilupp ta' ħiliet u kapaċitajiet ġodda li jippermettu lin-nies jaħdmu b'mod produttiv bis-sistemi tal-IA. Kif enfasizzat fir-Rakkomandazzjoni dwar il-Kapital Uman¹, il-kultivazzjoni ta' din it-taħlita ta' ħiliet teħtieġ investiment ikkoordinat fit-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni terzjarja u t-tagħlim tul il-ħajja. Fl-istess ħin, hekk kif is-sistemi tal-IA jsiru aktar kapaċi u d-ditti jiksibu esperjenza fl-integrazzjoni ta' dawn is-sistemi fl-operazzjonijiet tagħhom, jistgħu jiffaċċaw effetti ta' spostament tax-xogħol, u ż-żidiet fil-produttività jistgħu jakkumulaw b'mod sproporzjonat għal ħaddiema b'ħiliet għolja, u potenzjalment iwessgħu l-inugwaljanza fl-introjtu. Biex dawn id-dinamiċi jiġu indirizzati, hemm bżonn ta' reazzjonijiet istituzzjonali ċari u kkoordinati.

F'dan il-kuntest, is-Semestru jipprovdi qafas għall-koordinazzjoni tar-riformi strutturali li jnaqqsu l-frizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, itejbu l-effiċjenza tat-tqabbil u jappoġġaw il-mobbiltà, it-taħriġ mill-ġdid u l-ħolqien tal-impjiegi. Billi jallinja l-pjanijiet fiskali-strutturali mal-prijoritajiet tal-impjiegi u dawk soċjali, is-Semestru jista' jgħin biex jiġi żgurat li l-innovazzjoni tissarraf fi tkabbir sostenibbli u inklużiv.

L-IA, l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-impjiegi ta' kwalità

L-użu tal-IA u ta' teknoloġiji diġitali avvanzati oħra fuq il-post tax-xogħol ma jistax jiġi vvalutat biss mil-lenti tal-produttività. Is-sistemi teknoloġiċi huma inkorporati f'għażliet organizzattivi, mudelli ta' ġestjoni tar-riżorsi umani u strateġiji kummerċjali usa'. It-teorija ekonomika tissuġġerixxi li l-innovazzjoni li ttejjeb il-produttività tiġġenera gwadanji durabbli fl-impjiegi meta tkun akkumpanjata minn investiment komplementari fil-ħiliet u appoġġata minn istituzzjonijiet effettivi tas-suq tax-xogħol.

¹ Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea (ST 15278/25).

Il-qafas legali tal-UE jipprovdi salvagwardji importanti. L-Att dwar l-IA² jistabbilixxi obbligi għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli, inkluż dawk użati fir-reklutaġġ, fil-ġestjoni tal-ħaddiema u fl-evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data³ u l-acquis eżistenti tal-liġi tax-xogħol - inkluż il-leġiżlazzjoni dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata - ikompli jsaħħu l-ġabra ta' regoli tal-UE f'dan il-qasam. Xorta waħda jistgħu jkunu neċessarji miżuri leġiżlattivi mmirati sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu protetti b'mod effettiv, u li kulħadd, inkluż in-negozji, ikun jista' jibbenefika mill-adozzjoni tal-IA u ta' teknoloġiji diġitali avvanzati oħra. L-infurzar effettiv jibqa' kruċjali biex jiġi rispettata il-prinċipju tal-bniedem fil-kontroll, tiġi evitata d-diskriminazzjoni algoritmika u tinżamm il-fiduċja.

Il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità huwa prijorità importanti enfasizzata fil-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità⁴ ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2025. Meta l-oqfsa istituzzjonali jippermettu kondivizzjoni ġusta tal-kisbiet, produttività ogħla tista' tissarraf f'pagi aħjar u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba. Mingħajr oqfsa bħal dawn, hemm riskju li l-bidla teknoloġika tappfondixxi l-inugwaljanzi u ssaħħaħ is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Għalhekk, l-isfida mhijiex jekk għandhomx jiġu adottati innovazzjonijiet teknoloġiċi, inkluż l-IA, iżda kif għandhom jissawru l-iżvilupp u l-użu tagħhom, sabiex isaħħu l-kwalità tal-impjiegi, il-koeżjoni soċjali, u l-kompetittività Ewropea.

² Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)

³ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Regġuni, COM (2025) 944, 4 ta' Diċembru 2025, Pjan Direzzjonali għall-Impjiegi ta' Kwalità

Ħiliet li jibqgħu validi fil-futur, intelligence dwar is-suq tax-xogħol u tranżizzjonijiet

Fil-Laqgħa Informali tal-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tat-13 ta' Frar taħt il-Presidenza Ċiprijotta, il-Ministri ssottolinjaw li t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali qed isawru mill-ġdid b'mod fundamentali l-istrutturi okkupazzjonali u r-rekwiżiti tal-ħiliet. It-titjib kontinwu tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid kontinwu jridu jsiru karatteristika permanenti tas-swieq tax-xogħol Ewropej aktar milli rispons eċċezzjonali għall-kriżi.

L-IA nnifisha tista' ttejjeb il-funzjonament tas-suq tax-xogħol. Għodod avvanzati ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol itejbu t-tbassir tal-ħtiġijiet tal-ħiliet, jidentifikaw nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġaw politiki ta' taħriġ immirati. Billi jtejjbu l-kwalità u l-puntwalità tal-informazzjoni, tali għodod inaqqsu l-frizzjonijiet tat-tiftix u jaċċelleraw it-tranżizzjonijiet minn setturi li sejrjn lura għal dawk li qed jespandu.

Madankollu, it-tranżizzjonijiet rarament iseħħu awtomatikament. L-evidenza turi li mingħajr appoġġ adegwat, il-ħaddiema ssensjati minħabba l-bidla teknoloġika jistgħu jiffaċċjaw qgħad fit-tul jew telf dejjiemi fil-pagi. Politiki attivi tas-suq tax-xogħol, servizzi pubbliċi tal-impjiegi effettivi, u miżuri ta' protezzjoni soċjali mmirati huma għalhekk komplementi indispensabbli għall-istrateġiji tal-innovazzjoni.

Id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv għandhom ukoll rwol ewlieni fil-ġestjoni tat-trasformazzjoni teknoloġika. Dawn jippermettu soluzzjonijiet innegozjati fil-livell settorjali u tal-kumpaniji, jappoġġaw użi responsabbli tal-ġestjoni algoritmika u jikkontribwixxu għal distribuzzjoni ġusta taż-żidiet fil-produttività. Istituzzjonijiet b'saħħithom inaqqsu l-inċertezza u jżidu l-aċċettazzjoni tal-bidla. Dan huwa enfasizzat ukoll fl-Opinjoni li l-Presidenza Ċiprijotta stiednet lill-KESE jfassal rigward *"t-titjib tal-kwalità fl-impjeg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol bl-introduzzjoni u l-promozzjoni ta' għodod relatati (inkluża l-IA) u t-tiżiħ tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv"*.

Inizjattivi futuri u koerenza politika

L-Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità ġejjieni u l-Pakkett dwar il-Mobbiltà Ġusta tax-Xogħol jistgħu jgħinu biex titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, jissaħħaħ l-infurzar u tiġi appoġġata l-konverġenza 'l fuq fl-Istati Membri.

Il-koerenza politika ser tkun deċiżiva. L-istrateġiji industrijali u tal-innovazzjoni jridu jkunu allinjati mar-riformi tal-impjiegi u mal-politiki dwar il-ħiliet. Il-miżuri li jstimulaw l-investment fl-IA għandhom ikunu akkumpanjati minn inizjattivi li jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-ħaddiema, jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja u jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali. Dan l-approċċ integrat jirrifletti kemm l-evidenza ekonomika kif ukoll il-prinċipji ewlenin tal-mudell soċjali Ewropew.

Ir-rwol tal-konfigurazzjoni EPSCO fi ħdan is-Semestru Ewropew

Il-ministri tal-EPSCO għandhom rwol ċentrali fl-iżgurar li l-kunsiderazzjonijiet dwar l-impjiegi u dawk soċjali jiġu integrati bis-sħiħ fis-Semestru. Permezz ta' gwida politika, rieżami bejn il-pari u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, l-EPSCO jista' jsawwar riformi li jtejbu d-dinamiżmu tas-suq tax-xogħol filwaqt li jippreservaw il-ġustizzja u l-koeżjoni.

Fiċ-ċiklu tas-Semestru 2026, l-EPSCO għandu l-opportunità li jikkontribwixxi u jidderieġi d-dibattitu lejn approċċ ibbilanċjat li fih l-innovazzjoni, l-użu tal-IA u l-kompetittività jkunu allinjati ma' impjiegi ta' kwalità, djalogu soċjali robust u istituzzjonijiet b'saħħithom. B'dan il-mod, it-trasformazzjoni teknoloġika tal-Ewropa tista' ssaħħaħ mhux biss il-prestazzjoni ekonomika, iżda anki l-koeżjoni soċjali u l-fiduċja.

Mistoqsijiet għad-dibattitu

1. Kif jista' s-Semestru jappoġġa aħjar ir-riformi li jnaqqsu l-frizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u jtejbu l-effiċjenza tat-tqabbil fil-kuntest tat-trasformazzjonijiet xprunati mill-IA?
2. X'miżuri addizzjonali huma meħtieġa fil-livell nazzjonali u tal-UE biex jiġi żgurat li l-adozzjoni tal-IA fuq il-post tax-xogħol issaħħaħ id-drittijiet tal-ħaddiema u trawwem konverġenza soċjali 'l fuq?

¹L-Opinjoni esploratorja, li għandha tiġi adottata mill-plenarja tal-KESE fit-18 u d-19 ta' Marzu 2026, tissottolinja "r-rwol ċentrali tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv fil-livelli kollha, kif ukoll il-kooperazzjoni strutturata bejn l-Uffiċċju tal-UE għall-IA, il-Kummissjoni Ewropea u l-imsieħba soċjali, biex jiġi żgurat li l-varar tal-IA jikkontribwixxi għal tranżizzjoni diġitali ġusta, inklużiva u kompetittiva, li tqis b'mod sistematiku d-dimensjonijiet tal-ġeneru, il-ġenerazzjonijiet u l-vulnerabbiltà kif ukoll il-ħtiġijiet tal-SMEs"